# Il-privatezza —Kieku **int** x'tagħmel?



## 1 IL-ĦIN PERSUNALI TIEGĦEK

### STORJA VERA

"Kultant, sempliċiment inkun irrid noqgħod waħdi u nagħmel l-affarijiet tiegħi. Imma ħuti l-bniet li huma akbar minni jittrattawni qisni tifla żgħira, u jkunu jridu jafu kollox! Mhux għax għandi x'naħbi, imma nħoss li m'għandix għalfejn ngħidilhom kollox!" —Allison.

Għala taħseb li ħutha għandhom it-tendenza li jittrattawha qisha tifla żgħira?

________________________________

________________________________

________________________________

X'tista' tagħmel Allison biex ħutha jkunu jafu li hi tixtieq ftit privatezza?

________________________________

________________________________

________________________________

Kieku **int** kont flok Allison, x'tagħmel?

________________________________

________________________________

________________________________



www.jw.org © 2016 Watch Tower Bible and Tract Society of Pennsylvania



# 2 IL-KAMRA TIEGĦEK

## STORJA VERA

“Meta tiġini ġurnata ħażina, inkun irrid li noqgħod waħdi. Veru, hu sabiħ li għandi ġenituri li jimpurtahom minni, imma kultant jaqbdu u jidħlu f’kamarti meta kulma nkun nixtieq hu l-ispazju tiegħi!” —Ryan.

Taħseb li l-ġenituri ta’ Ryan jagħmlu hekk għax jinkwetaw dwaru?

______________________________

______________________________

______________________________

Jekk iva, Ryan x’jista’ jkun li qed jagħmel (jew mhux qed jagħmel) biex il-ġenituri tiegħu qed jinkwetaw daqshekk?

______________________________

______________________________

______________________________

Kieku **int** kont flok Ryan, x’tagħmel biex il-ġenituri jafdaw iktar fik?

______________________________

______________________________

______________________________



www.jw.org © 2016 Watch Tower Bible and Tract Society of Pennsylvania



# 3 IL-MOWBAJL TIEGĦEK

## STORJA VERA

"Kull darba li ommi tara l-mowbajl tiegħi xi mkien, taqbad u taqra l-messaġġi li jkolli. Darba qabdet u bblokkjatli waħda mill-ħbieb tiegħi għax ħasbet li din mhix kumpanija tajba għalija." —Nadine.

Taħseb li omm Nadine tagħmel hekk għax tinkwieta dwarha?

Jekk iva, Nadine x'jista' jkun li qed tagħmel (jew mhux qed tagħmel) biex ommha qed tinkwieta daqshekk?

Kieku **int** kont flok Nadine, x'tagħmel biex ommok tafdak iktar?



www.jw.org © 2016 Watch Tower Bible and Tract Society of Pennsylvania